

Brussell, 25 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0089(COD)**

---

---

14210/19  
ADD 1

CONSOM 310  
MI 795  
ENT 254  
JUSTCIV 215  
DENLEG 103  
CODEC 1636

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE - Dikjarazzjoni Konġunta minn Ċipru, iċ-Ċekja, il-Latvja, il-Lussemburgu u r-Repubblika Slovakka

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dikjarazzjoni konġunta minn Ċipru, iċ-Ċekja, il-Latvja, il-Lussemburgu u r-Repubblika Slovakka dwar il-Proposta għal Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE.

## **Proposta għal Direttiva dwar l-Azzjonijiet Kollettivi**

### **Dikjarazzjoni Konġunta minn Ċipru, iċ-Ċekja, il-Latvja, il-Lussemburgu u r-Repubblika Slovakka**

Sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn prattiki illegali jew inġusti minn negozjanti, huwa importanti li jingħataw proċeduri ta' rimedju effettivi f'kull Stat Membru. Għaldaqstant nilqgħu l-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' kompromess tal-Presidenza Finlandiża. Dan għandu jipprovdi lill-konsumaturi alternattiva affordabbli għal proċedimenti legali individwali l-aktar għaljin disponibbli illum il-ġurnata. L-adozzjoni tat-test ta' kompromess ser tippermetti wkoll l-iżblukkar tan-negozjati fil-Kunsill wara sena u nofs u l-ftuħ tat-trilogi mal-Parlament Ewropew fid-dawl ta' ftehim finali.

Madankollu, jiddispjaċina li t-test ta' kompromess iddgħajef b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' armonizzazzjoni, ċertezza legali u faċilità ta' aċċess għall-konsumaturi. F'dak ir-rigward, it-test ma jipprovdiż ċarezza addizzjonali fir-rigward tal-funzjonament transkonfinali tar-rimedju kollettiv, speċjalment ladarba l-Istati Membri jkunu dejjem kapaċi japplikaw il-kriterji ta' ammissibbiltà u l-proċeduri tagħhom stess minbarra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Għalkemm it-test ta' kompromess jipprevedi kriterji ta' eliġibbiltà dettaljati u stretti, hemm nuqqas ta' rikonossiment reċiproku ta' entitajiet kwalifikati bejn l-Istati Membri, li jgħaliq inċertezza legali għall-partijiet kollha involuti.

Peress li huwa kruċjali li tiġi promossa aktar il-fiduċja tal-konsumatur fis-Suq Uniku, offline u online, nittamaw li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati, u li t-test ikun jista' jittejjeb kif xieraq, fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew. L-adeżjoni tal-konsumaturi u n-negozji Ewropej għal proċeduri kollettivi transkonfinali ser tiddependi fuq l-effiċjenza u l-affidabbiltà tagħhom.